## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **220/2024 AD**

## FRANCO BUTTIGIEG (KI 139463M), MARIA BORG COSTANZI (KI 561260M), ALESSANDRA SIVE SANDRA KIRKPATRICK (KI 156559M)

**VS**

## ANTHONY AQUILINA (K.I. 279070M), PHIIPPA AQUILINA (KI 348947M)

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, disgħa (9) ta' April 2024**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali wara talba għall-żgumbrament maghmula ai termini tal-Artikoli 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat nhar s-sebgħa u għoxrin (27) ta' Frar, 2024 Frano Buttigieg ikkonferma bil-ġurament tiegħu u talab kif isegwi:

1. *Illi r-rikorrenti huma propjetarji ta' raba f'zona maghrufa bhala Ta' Ramazzetta fil-kuntrada Ta' Srina limiti ta' Casal Zebbug, konfinanti mill-Punent ma' sqaq, mit-Tramuntana ma' beni tal-eredi tas-Sacerdot Dun Pietro Paolo Debono u minn Nofsinhar ma' triq pubblika, kif soggetta ghal piz pilju annwu u perpetwu ta' Euro 5.24c impost fuqha mis-Sacerdot Dun Pietro Paolo Debono bit-testment tieghu in atti tan-Nutar Salvatore Borg Olivier tal-20 ta' Marzu 1920.*

2. *Illi b'ittra ufficijali tas-6 ta' Lulju 2012, l-intimati Aquilina pretendew li r-raba in kwistjoni kienet ilha fil-pussess taghhom ghal aktar minn hamsin sena u li dejjem kellhom pussess liberu u frank ta' sebat itmiem mir-raba in kwistjoni u ghalhekk pretendew li ghandhom titolu fuq l-istess art.*

3. *Illi konsegwentement l-esponenti pprezentaw rikors fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Rikors Nru. 1051/21AF) fl-ismijiet 'Franco Buttigieg et vs. Anthony Aquilina et' deciza fis-27 ta' Frar 2020, fejn l-Ewwel Qorti iddikjarat u ddecidiet illi l-atturi huma propjetarji ta' circa tlettax-il tomna mir-raba Ta' Ramazzetta kuntrada Ta' Srina limiti ta' Casal Zebbug, konfinanti mill-Punent ma' sqaq, mit-Tramuntana ma' beni tal-eredi tas-Sacerdot Dun Pietro Paolo Debono u minn Nofsinhar ma' triq pubblika, kif soggetta ghal piz pjju annwu u perpetwu ta' Euro5.24c impost fuqha mis-Sacerdot Dun Pietro Paolo Debono bit-testment tieghu in atti tan-Nutar Salvatore Borg Olivier tal-20 ta' Marzi 1920.*

4. *Illi l-Ewwel Qorti iddikjarat u ddecidiet ukoll illi t-titolu tal-ghalqa in kwistjoni tal-atturi huwa ahjar minn dak tal-konvenuti stante illi l-atturi wirtu l-istess proprjeta minghand l-antekawza minnhom u l-imsemmija art hija registrata mar-Registratur tal-Artijiet u hija propjeta taghhom.*

5. *Illi l-imsemmija sentenza giet appellata mill-intimati Aquilina.*

6. *Illi ai termini ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) tal-25 t'Ottubru 2023 (kopja hawn annessa u mmarkata* ***Dok.A****), il-Qorti tal-*

*Appell cahdet l-appell tal-intimati Aquilina u kkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti.*

7. *Illi wara s-sentenza surreferita, m'hemmx dubju illi l-intimati ma jistghux jibqghu jippretendu illi l-art in kwistjoni hija taghhom.*

8. *Illi minkejja li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili, kif ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell, iddikjarat illi l-intimati Aquilina m'ghandhom ebda forma ta' titolu fuq l-art in kwistjoni, huma xorta ma vvakkawx l-art u ghadhom jippretendu li ghandhom dritt fuqha sal-gurnata tal-lum.*

9. *Illi ghaldaqstant l-intimati qeghdin jokkupaw din l-art minghajr ebda titolu validu fil-ligi kif del resto ddikjarat mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri).*

10. *Illi fil-fehma tar-rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh, billi fil-fehma tal-istess rikorrenti, l-konvenuti m'ghandhom l-ebda eccezzjoni xi jressqu kontra t-talba ghall-izgumbrament mill-imsemmija art.*

11. *Illi dawn il-fatti huma maghrufa lill-esponenti personalment u qeghdin jigu kkonfermai bil-gurament minn Franco Buttigieg.*

12. *Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

**Ghaldaqstant**, **ghar-ragunijiet premessi, r-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna:**

***i)*** ***Taqta'*** *u* **tiddeciedi** *din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ghall-finijiet tal-Artikolu 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*ii)* **Tordna** *lill-intimati Anthony Aquilina u Philippa Aquilina sabiex jizgombraw u jirritornow l-imsemmija art/raba fi stat tajjeb lill-esponenti, liema art/raba hija f'zona maghrufa bhala Ta'*

*Ramazzetta fil-kuntrada Ta' Srina limiti ta' Casal Zebbug, konfinanti mill-Punent ma' sqaq, mit-Tramuntana ma' beni tal-eredi tas-Sacerdot Dun Pietro Paolo Debono u minn Nofsinhar ma' triq pubblika, u dan fi zmien qasir u perentorju ffissat minn din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

3. Permezz ta' digriet mogħti nhar fl-ewwel (01) ta' Marzu 2024, din il-Qorti appuntat il-kawża għas-seduta ta' nhar il-Ħamis, wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu, 2024 b'ordni lill-konvenuti sabiex jidhru f'dik il-ġurnata u jwieġbu għat-talba tal-atturi u fin-nuqqas, tgħaddi u tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet atturi.

4. Rat illi l-konvenuti gew notifikati bir-rikors ġuramentat, bid-digriet tal-appuntament tal-kawza u bl-avviż tas-smigħ tal-kawza fit-tlettax (13) ta' Marzu, 2024.

5.Rat li l-konvenut Anthony Aquilina deher fis-seduta tal-wieħed u għoxin (21) ta' Marzu 2024 fejn giet prezentata nota ta ammissjoni ghat-talbiet attrici da parti tal-konvenuti ai termini tal-qbil bejn il-partijiet.

6. Rat illi fis-seduta tal-21 ta Marzu 2024 l-atturi ddikjaraw li in vista tan-nota ta ammissjoni tal-konvenuti huma kienu qed jirrinunzjaw ghad-dritt li jigbru l-ispejjes kemm rigwardanti l-kawza odjerna kif ukoll dawk in konnessjoni mal-kawza fl-ismijiet 'Franco Buttigieg et vs Anthony Aquilina' li giet deciza mill-Qorti tal-Appell. Il-partijiet qablu wkoll li l-benefikati maghmula fuq l-art mill-konvenuti jibqghu fuq l-istess art bil-konvenuti jkollhom id-ritt li jiehdu biss l-oggetti personali taghom u fejn huma qablu wkoll li l-izgumbrament kellu jsir sal-31 ta mejju 2024.

**Il-Qorti**

7. **In vista tal-ammissjoni tal-konvenuti ghat-talbiet attrici ai termini tal-qbil bejn il-partijiet kif verbalizzat in atti kif debitament konfermat ukoll bil-provi miġjuba mir-rikorrenti it-tieni talba dedotta fir-rikors ġuramentat tirriżulta pruvata u għandha għalhekk tintlaqa';**

**Decide**

8.Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **Tiddikjara** illi l-ewwel talba ġiet sorvolata;

**(ii)** **Tilqa'** t-tieni talba tal-atturi u t***ordna*** *lill-intimati Anthony Aquilina u Philippa Aquilina sabiex jizgombraw u jirritornow l-imsemmija art/raba fi stat tajjeb lill-atturi, liema art/raba hija f'zona maghrufa bhala Ta' Ramazzetta fil-kuntrada Ta' Srina limiti ta' Casal Zebbug, konfinanti mill-Punent ma' sqaq, mit-Tramuntana ma' beni tal-eredi tas-Sacerdot Dun Pietro Paolo Debono u minn Nofsinhar ma' triq pubblika, u dan sal-31 ta Mejju 2024;*.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Amanda Zerafa**
**Deputat Reġistratur**